MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1127/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Ioana Ciocan**

**Kumpilazzjoni Numru: 1127/2012**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Ioana Ciocan,** ta' 20 sena, bint Carmel Abela u Consiglia xebba Vella, imwielda gewwa r-Rumanija, nhar il-5 ta' Jannar, 1992 u residenti fil-fond numru 52, Rota, Triq il-Keffa, Swieqi u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 592692(M);

Akkuzata talli bejn id-9 ta' Awissu, 2012 u l-31 ta' Awissu, 2012, gewwa 28, Flat 6, Attard Flats, Triq Gort, San Giljan, ikkomettiet serq ta' diversi affarijiet, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna, bil-lok u bil-valur, liema valur ta' l-oggetti misruq jeccedi l-elfejn, tliet mija, u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Helen Gauci u Elaine Gauci.

Rat l-artikoli 271(c)(d)(e), 267, 268, 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali taghha. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputata hija disposta thallas lid-derubati l-valur miftiehem ta'l-oggetti misruqa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 271(c)(d)(e), 267, 268, 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu

9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur thallas lill Helen Gauci u Elaine Gauci s-somma ta’ ghaxart elef Euro (€10,000).

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputata l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma toqghodx ghall-ordni lilha mghoti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------